Rapport Annwali • Rapport Annwali • Rapport Annwali • Rapport Annwali • Rapport Ann

# 2013

Ombudsman Ewropew

MT



# Werrej


**Introduzzjoni** **4**

**1 Ħarsa lejn l-2013** **6**

**2 Kemm saru lmenti?** **7**

**3 Kontra min?** **10**

**4 Dwar xiex?** **11**

**5 Ir-riżultati miksuba** **12**

**6 Suġġetti ewlenin** **15**
6.1 Trasparenza 15
6.2 Kwistjonijiet Etiċi 17
6.3 Il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE 20
6.4 Proġetti u programmi ffinanzjati mill-UE 22
6.5 Id-drittijiet fundamentali 23
6.6 Kultura ta' servizz 25

**7 Kif nittrattaw il-każijiet** **27**

**8 Konformità mal-proposti tal-Ombudsman** **29**

**9 Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet tal-UE** **30**
9.1 Il-Parlament Ewropew 30
9.2 Il-Kummissjoni Ewropea 31
9.3 Aġenziji tal-UE 31
9.4 Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD) 32

**10 Relazzjonijiet ma' netwerks** **33**

**11 Riżorsi** **35**
11.1 Il-baġit 35
11.2 Użu tar-riżorsi 35
11.3 It-tim wara l-Ombudsman 36

**Kif tikkuntattja lill-Ombudsman Ewropew** **37**

# Introduzzjoni



Vidjo ta' introduzzjoni minn Emily O'Reilly tar-Rapport Annwali tal-Ombudsman Ewropew għas-sena 2013.
**http://europa.eu/!wh94bN**



Ġurament tal-kariga tal-Ombudsman Ewropew Emily O'Reilly quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, 30 ta' Settembru 2013. **http://europa.eu/!CY94TK**

Huwa pjaċir tiegħi li nippreżentalek ir-Rapport Annwali 2013.

Is-sena kienet bla dubju sena ta' tranżizzjoni għall-istituzzjoni tal-Ombudsman Ewropew billi l-Professur P. Nikiforos Diamandouros irtira u jiena ġejt eletta mill-Parlament Ewropew. Kelli l-unur li nieħu l-ġurament tal-kariga fit-30 ta' Settembru.

#1




**Elezzjoni tal-Ombudsman Ewropew 2013**
L-elezzjonijiet saru fit-2 u fit-3 ta' Lulju fis-Sessjoni Plenarja tal-PE fi Strasburgu. Is-seduti quddiem il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament saru fit-18 ta' Ġunju. Kien hemm 6 kandidati, li tlieta minnhom kienu MPE, 2 minnhom kienu ombudsmen nazzjonali tal-Irlanda u l-Pajjiżi l-Baxxi, u kandidat mill-Kunsill tal-Ewropa.

B'dan il-ġurament jien assumejt responsabbiltà li huwa meħtieġ li neżegwixxi billi nkattar il-wirt kbir li ħallew iż-żewġ predeċessuri tiegħi Jacob Söderman u Nikiforos Diamandouros.

#1




**Roberta Metsola, MPE**
Hija xi ħaġa sabiħa li tara l-oqsma politiċi kollha jfaħħru lill-Ombudsman Eworpew, is-Sur Diamandouros, u jifirħulu għal għaxar snin ta' ħidma iebsa u progress.

Is-Sur Söderman assuma r-responsabbiltà li jibni l-istituzzjoni l-ġdida u jinkorporaha fil-binja tal-ħajja politika Ewropea u ċ-ċittadinanza Ewropea emerġenti wara t-Trattat ta' Maastricht għoxrin sena ilu.

Il-Professur Diamandouros assuma l-kariga hekk kif l-UE kibret ferm mal-adeżjoni ta' għaxar Stati Membri ġodda, bl-opportunitajiet u l-isfidi kollha li dak il-perjodu kien jeħtieġ. Irrid nagħti ġieħ lis-Sur Diamandouros tal-għajnuna u l-appoġġ tiegħu matul il-perjodu ta' tranżizzjoni.




**Il-Lobby Ewropew tan-Nisa**
Nixtiequ nifirħu lill-Ombudsman Ewropew, Emily O'Reilly, fl-ewwel jum tagħha fir-rwol il-ġdid tagħha.




**PPE IE**
Awguri lill-Ombudsman Emily O'Reilly, li għadha kif ġiet eletta bħala l-ewwel Ombudsman Ewropew mara.

Issa bħala t-tielet Ombudsman Ewropew, jien assumejt ir-responsabbiltà fi żmien ta' taqlib kbir fl-Ewropa.

Rwol kritiku ta' Ombudsman Ewropew huwa li jixħet id-dawl fuq it-tħassib taċ-ċittadini u jgħin biex jonqos id-distakk kbir bejnhom u l-istituzzjonijiet tal-UE.

Bħala Ombudsman Ewropew, se nassumi r-responsabbiltà tiegħi biex ngħin liċ-ċittadini u r-residenti tal-Ewropa jħossuhom parti mill-istituzzjonijiet Ewropej.

Biex nilħaq dan il-għan, se nikkollabora mill-qrib mal-Parlament Ewropew, mal-ombudsmen nazzjonali u reġjonali, u mal-familja kollha tal-ombudsman.

Se nkun iggwidata mill-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li toħloq qafas li fih l-Ombudsman jippromwovi l-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea. Se nkun ukoll iggwidata mill-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' servizz pubbliku.

L-għan aħħari tiegħi huwa li ngħin sabiex jissaħħu l-istrutturi u l-istituzzjonijiet ta' responsabbiltà u trasparenza f'livell Ewropew, biex titjieb il-kwalità tad-demokrazija fl-Unjoni Ewropea.

Nistiednek biex tgawdi l-ewwel Rapport Annwali tiegħi. Ingħatatlu dehra ġdida biex jirrifletti x-xewqa tiegħi li nagħmlu din l-istituzzjoni aktar aċċessibbli u kemm jista' jkun faċli għall-utenti biex jirrikorru għaliha.

Għal eżami aktar dettaljat tal-każijiet ewlenin mill-2013, jekk jogħġbok irreferi għal *Amministrazzjoni tajba fil-prattika: deċiżjonijiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2013*.

Strasburgu, 31 ta' Marzu 2014



Emily O'Reilly

# 1 • Ħarsa lejn l-2013

Is-sena 2013 kienet waħda sinifikanti għall-istituzzjoni tal-ombudsman: Ombudsman ġdida ġiet eletta u ħadet il-kariga, u lill-istituzzjoni poġġietha fuq rotta ġdida lejn impatt, viżibilità, u rilevanza akbar. Hawn huma xi wħud mill-punti ewlenin mis-sena:

**Jannar**
Djalogu tal-Kummissjoni ma' gruppi mhux reliġjużi



**Frar**
Infetħet investigazzjoni dwar każ ta' *"revolving door"*



**Marzu**
Il-Kummissjoni tiżvela dokumenti dwar l-għażla ta' nonparteċipazzjoni tar-Renju Unit



**April**
L-avveniment *"It's our Europe"*



**Mejju**
L-Ombudsman jippreżenta r-Rapport Annwali



**Ġunju**
L-Ombudsman isolvi tilwima dwar 93 000 ewro



**Lulju**
L-Ombudsman il-ġdida tiġi eletta



**Awwissu**
Infetħet investigazzjoni dwar aġenziji tal-UE




**Settembru**
Seminar tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen



**Ottubru**
L-Ombudsman il-ġdida tieħu l-kariga



**Novembru**
Rapport tal-Frontex dwar id-drittijiet fundamentali




**Diċembru**
Il-Kummissjoni tiftaħ investigazzjoni dwar il-futbol Spanjol



# 2 • Kemm saru lmenti?

**23 245**

Ċittadini megħjuna mill-Ombudsman Ewropew fl-2013



**19 418**
Pariri mogħtija permezz tal-Gwida Interattiva fuq is-sit elettroniku tal-Ombudsman

**2 420**
Ilmenti rreġistrati fl-2013

**1 407**
Talbiet għal informazzjoni mwieġba mis-servizzi tal-Ombudsman

**9**
investigazzjonijiet fuq inizjattiva proprja miftuħa

**20**
investigazzjonijiet fuq inizjattiva proprja magħluqa

**341**
investigazzjonijiet miftuħa fuq il-bażi ta' lmenti

**441**
investigazzjonijiet ibbażati fuq ilmenti magħluqa



**350**

Investigazzjonijiet miftuħa mill-Ombudsman Ewropew fl-2013

**461**

Investigazzjonijiet magħluqa mill-Ombudsman Ewropew fl-2013

# 441

Sors ta' lmenti f'investigazzjonijiet magħluqa mill-Ombudsman Ewropew fl-2013

**340**
Ċittadini individwali
**77.1 %**



**101**
Kumpaniji, assoċjazzjonijiet u entitajiet ġuridiċi oħrajn
**22.9 %**

# Oriġini nazzjonali tal-ilmenti rreġistrati u investigazzjonijiet miftuħa mill-Ombudsman Ewropew fl-2013



# 3 • Kontra min?

**350**

L-investigazzjonijiet immexxija mill-Ombudsman Ewropew fl-2013 ikkonċernaw l-istituzzjonijiet li ġejjin




*Nota i:* L-Uffiċċju tal-Ombudsman fetaħ żewġ investigazzjonijiet fl-2013 fuq inizjattiva proprja fil-konfront ta' aktar minn istituzzjoni waħda. Għaldaqstant, jekk dawn il-persentaġġi jingħaddu flimkien, ir-riżultat ikun aktar minn 100 %.
*Nota ii:* L-Uffiċċju tal-Ombudsman fetaħ tmien investigazzjonijiet fl-2013 wara lment li jikkonċerna aktar minn istituzzjoni waħda. Għaldaqstant, jekk dawn il-persentaġġi jingħaddu flimkien, ir-riżultat ikun aktar minn 100 %.

# 4 • Dwar xiex?

## Suġġett tal-investigazzjonijiet magħluqa mill-Ombudsman Ewropew fl-2013




*Nota:* F’xi każijiet, l-Uffiċċju tal-Ombudsman għalaq investigazzjonijiet li kienu jittrattaw żewġ suġġetti jew aktar. Għaldaqstant, jekk dawn il-persentaġġi jingħaddu flimkien, ir-riżultat ikun aktar minn 100 %.

**1.** L-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jirrikjedi li l-Kummissjoni “tissorvelja l-applikazzjoni tat-Trattati kif ukoll tal-miżuri adottati mill-Istituzzjonijiet skont dawn it-Trattati”.

**2.** Dan it-titolu jkopri firxa ta’ lmenti magħmula kontra l-istituzzjonijiet rigward l-attivitajiet tagħhom ta’ tfassil tal-politika jew l-operat ġenerali tagħhom.

# 5 • Ir-riżultati miksuba




**2 354**

Azzjoni meħuda mill-Ombudsman Ewropew fir-rigward tal-ilmenti li saru fl-2013

## Riżultati tal-investigazzjonijiet magħluqa mill-Ombudsman Ewropew fl-2013

| | | |
|---|---|---|
| Solvuti mill-istituzzjoni jew inkisbet soluzzjoni bonarja | 118 | 25.6 % |
| Ebda investigazzjoni oħra ġġustifikata | 202 | 43.8 % |
| Ebda amministrazzjoni ħażina misjuba | 120 | 26 % |
| Amministrazzjoni ħażina misjuba | 50 | 10.8 % |
| Oħrajn | 19 | 4.1 % |

*Nota:* F'xi każijiet, l-Uffiċċju tal-Ombudsman għalaq l-investigazzjonijiet minħabba żewġ raġunijiet jew aktar. Għaldaqstant, jekk dawn il-persentaġġi jingħaddu flimkien, ir-riżultat ikun aktar minn 100 %.

## Investigazzjonijiet fejn instabet amministrazzjoni ħażina mill-Ombudsman Ewropew fl-2013




## Evoluzzjoni fin-numru ta' investigazzjonijiet mill-Ombudsman Ewropew



# Medja ta' 13-il xahar

## Tul tal-investigazzjoni tal-każijiet magħluqa mill-Ombudsman Ewropew fl-2013




**22 %**
Każijiet magħluqa fi żmien 3 xhur

**37 %**
Każijiet magħluqa fi żmien 3 sa 12-il xahar

**14 %**
Każijiet magħluqa fi żmien 12 sa 18-il xahar

**27 %**[1]
Każijiet magħluqa wara aktar minn 18-il xahar

**1.** Xi każijiet kumplessi jirrikjedu sensiela ta' konsultazzjonijiet mal-persuna li tkun għamlet l-ilment u l-istituzzjoni kkonċernata. B'dan il-mod, l-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew mhux biss jistabbilixxi l-fatti b'mod sħiħ, iżda wkoll jipprova jsib soluzzjoni li tkun aċċettabbli għaż-żewġ partijiet.

# 6 • Suġġetti ewlenin

Għal eżami aktar dettaljat tal-każijiet ewlenin mill-2013, jekk jogħġbok irreferi għal *Amministrazzjoni tajba fil-prattika: deċiżjonijiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2013*.

## 6.1 Trasparenza



Ilmenti dwar nuqqas ta' trasparenza fl-istituzzjonijiet tal-UE baqgħu jżommu posthom fil-quċċata tal-lista ta' lmenti lill-Ombudsman Ewropew. Għal bosta snin, 20 % sa 30 % tal-ilmenti li jinvestiga l-Uffiċċju tal-Ombudsman ikkonċernaw it-trasparenza. Il-kwistjonijiet ta' trasparenza l-aktar komuni li jitqajmu huma r-rifjut tal-istituzzjonijiet li jagħtu aċċess għal dokumenti u/jew informazzjoni, laqgħat li jseħħu wara bibien magħluqa, u l-opaċità li biha jiġu maħtura membri ta' gruppi ta' esperti tal-UE. L-aċċess pubbliku għad-dokumenti huwa wieħed mid-drittijiet iggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Investigazzjoni waħda konkluża fl-2013 kienet tirrigwarda dokumenti li jikkonċernaw in-nonparteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. L-għażla ta' nonparteċipazzjoni kienet kwistjoni ewlenija fin-negozjati intergovernattivi li wasslu għall-adozzjoni tat-Trattat ta' Lisbona. Is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea kienu abbozzaw id-dokumenti f'dak il-kuntest. Billi xtaqet tkun taf għaliex iċ-ċittadini tar-Renju Unit ma jgawdux l-istess drittijiet bħal ċittadini oħrajn tal-UE, il-*European Citizen Action Service* (ECAS), organizzazzjoni nongovernattiva (NGO) ibbażata fi Brussell, talbet li tara d-dokumenti. Il-Kummissjoni rrifjutat li tiżvelahom, billi qalet li teħtieġ li tipproteġi kemm il-parir legali li tirċievi kif ukoll il-proċess intern tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha.

L-NGO mbagħad ilmentat mal-Uffiċċju tal-Ombudsman li, wara li spezzjona d-dokumenti, ikkonkluda li l-argumenti tal-Kummissjoni in sostenn tar-rifjut ma kinux konvinċenti. Wara li l-Uffiċċju tal-Ombudsman ikkritika b'mod qawwi lill-Kummissjoni għal "każ serjissimu ta' amministrazzjoni ħażina", il-Kummissjoni rrilaxxat id-dokumenti kollha mitluba.




**Dar iċ-Ċittadini**
EUobserver.com jirrapporta: ECAS jikseb aċċess għad-dokumenti tal-UE dwar l-opt-outs tar-Renju Unit.

**NGO tirbaħ aċċess għal dokumenti tal-UE dwar esklużjonijiet fakultattivi għar-Renju Unit**
Ġlieda ta' ħames snin għall-aċċess għal dokumenti ntemmet nhar it-Tnejn meta l-ombudsman tal-UE laqa' l-mossa tal-Kummissjoni Ewropea li tirrilaxxa dokumenti li jikkonċernaw negozjati dwar il-karta tad-drittijiet tal-UE.

Każ ieħor kien jikkonċerna r-Reġistru tat-Trasparenza li l-Kummissjoni u l-Parlament joperaw flimkien. Dan ir-reġistru ta' rappreżentanti ta' interess (*lobbyists*) ġie introdott bil-ħsieb li jagħmel il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE aktar trasparenti, u biex jippermetti lill-pubbliku jkun jaf min qed jipprova jinfluwenza lil min jieħu d-deċiżjonijiet tal-UE. Dan jipprovdi informazzjoni dwar dawk li qed jippruvaw jinfluwenzaw (*lobbyists*) l-istituzzjonijiet Ewropej, liema interessi qed imexxu 'l quddiem, u l-ammonti li jinvestu f'dawn l-attivitajiet. Kumpaniji, konsulenzi professjonali, konsulenti li jaħdmu għal rashom, assoċjazzjonijiet tal-kummerċ, istituzzjonijiet akkademiċi, NGOs, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw komunitajiet reliġjużi, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw awtoritajiet lokali, reġjonali u muniċipali, u oħrajn li qed jippruvaw jinfluwenzaw l-istituzzjonijiet tal-UE, jistgħu jirreġistraw volontarjament. S'issa, madwar 6 500 rappreżentant ta' interess għamlu dan.

#5




**Andrew Duff, MPE**
L-Ombudsman il-ġdida O'Reilly tgħid: "Jekk ikunu flus pubbliċi, dawn għandhom ikunu viżibbli" f'euobserver.com. Sewwa qed tgħid, Ombudsman Ewropew.

**"Jekk huma flus pubbliċi, għandhom ikunu viżibbli"**
Il-kapitali tal-UE hija mimlija sal-aħħar b'lobbjar sigriet u każijiet ta' tibdil ta' rwoli mit-tfassil tal-liġijiet għal-lobbjar u viċi versa. O'Reilly, l-ombudsman elett ġdid, qed twiegħed li ċċaqlaq ftit il-kunsens komdu.

L-NGO *Friends of the Earth Europe* ilmentat mal-Kummissjoni li żewġ kumpaniji multinazzjonali kienu ddikjaraw ammont ħafna iżgħar minn kemm kienu fil-fatt nefqu fuq attivitajiet ta' *lobbying* fir-Reġistru. Mhux sodisfatta bit-tweġiba tal-Kummissjoni, *Friends of the Earth Europe* ilmentat mal-Ombudsman li l-Kummissjoni ma kinitx ittrattat l-ilment tagħha kif suppost, u li l-istituzzjoni kienet irrifjutat li tagħtiha aċċess għad-dokumenti kollha rilevanti.

L-Uffiċċju tal-Ombudsman ikkritika lill-Kummissjoni talli naqset milli tispjega b'mod adegwat lill-NGO ir-raġunijiet għaliex m'aċċettatx l-argumenti tagħha. Barra minn hekk, l-Uffiċċju tal-Ombudsman talab lill-Kummissjoni biex, meta tirrevedi r-Reġistru, tieħu kont sħiħ tal-prinċipji għal trasparenza u integrità fil-*lobbying* tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). L-Uffiċċju tal-Ombudsman ta parir lill-istituzzjoni biex tgħarraf sistematikament lil *lobbyists* u rappreżentanti ta' interess oħrajn li ser tirrilaxxa l-ismijiet tagħhom fuq talbiet pubbliċi għal informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' *lobbying* tagħhom.

Sabiex jinkoraġġixxi aktar trasparenza fl-istituzzjonijiet tal-UE, l-Uffiċċju tal-Ombudsman, issa ġeneralment meqjus bħala l-"gwardjan tat-trasparenza tal-UE", tradizzjonalment jospita seminar fi Brussell fil-Jum Internazzjonali dwar id-Dritt għall-Għarfien, nhar it-28 ta' Settembru. Il-Jum ġie stabbilit fl-2003 minn attivisti fil-qasam tal-aċċess għal informazzjoni minn madwar id-dinja. Fl-2013, l-avveniment, intitolat "Jum Internazzjonali dwar id-Dritt għall-Għarfien — trasparenza tal-UE: Fejn ninsabu?", fittex li jeżamina kemm sar progress fir-rigward tat-trasparenza fl-istituzzjonijiet tal-UE matul l-aħħar għaxar snin. Għal dan l-avveniment, li xxandar *live* bl-Internet, attendew aktar minn 175 rappreżentant ta' assoċjazzjonijiet, NGOs, kumpaniji, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ġurnalisti, rappreżentanzi reġjonali u nazzjonali, u istituzzjonijiet oħrajn tal-UE.



L-Avveniment tal-Ombudsman Ewropew: Jum Internazzjonali dwar id-Dritt għall-Għarfien 2013. **http://europa.eu/!gR63rD**

#6




Pascoe Sabido
L-Ombudsman Ewropew ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-politika dwar il-kunflitti ta' interess biex tinkludi kunflitti ta' interess "perċepiti". Hija kwistjoni ta' fiduċja fl-UE.

## 6.2 Kwistjonijiet Etiċi



Fl-2013, l-Uffiċċju tal-Ombudsman irċieva numru sostanzjali ta' lmenti relatati ma' kwistjonijiet etiċi, bħall-kunflitt ta' interess u l-prattika tar-"*revolving doors*" fi ħdan istituzzjonijiet tal-UE. It-terminu "*revolving doors*" jintuża biex jiddeskrivi sitwazzjoni fejn membru tal-persunal tas-settur pubbliku jitlaq l-impjieg tiegħu u jibda ieħor marbut mill-qrib fis-settur privat, jew viċi versa.

L-Uffiċċju tal-Ombudsman iqis li l-imġiba etika eżemplari fl-amministrazzjoni tal-UE għandha importanza primarja u għalhekk ippubblika prinċipji tas-servizz pubbliku u linji gwida etiċi, li tnedew l-ewwel fi

ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman, u mbagħad tqassmu lill-persunal ta' istituzzjonijiet oħrajn tal-UE. Barra minn hekk, l-Uffiċċju tal-Ombudsman enfasizza ripetutament li l-amministrazzjoni tal-UE għandha taderixxi mal-ogħla standards f'dak li għandu x'jaqsam mal-imġiba etika.




Il-każ tal-Kumitat tal-Etika Ad Hoc tal-Ombudsman Ewropew 2013.
**http://europa.eu/!Cp63FX**

L-aktar każ notevoli mill-2013 ta' "*revolving door*" kien dak tal-ħatra mill-ġdid ta' uffiċjal ta' grad għoli rtirat sabiex jippresjedi l-Kumitat tal-Etika *Ad Hoc* tal-Kummissjoni. Magħmul minn tliet persuni, il-Kumitat jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet etiċi. Jekk eks-Kummissarju jixtieq jaċċetta xogħol fis-settur privat li jista' jikkomprometti l-integrità tal-Kummissjoni, il-Kumitat jista' jeżamina l-kwistjoni. L-eksuffiċjal dak iż-żmien kien jaħdem għal uffiċċju legali mill-kbar, li kien jagħti pariri lil bosta klijenti, inkluża kumpanija tat-tabakk.

Tliet NGOs — *LobbyControl*, *Corporate Europe Observatory*, u *Corporate Accountability International* — ilmentaw mal-Ombudsman dwar il-ħatra mill-ġdid tiegħu, bl-argument li kien hemm kunflitt ta' interess minħabba li l-eksuffiċjal kien jirrappreżenta interessi privati fil-kuntatti tiegħu mal-Kummissjoni, u għalhekk ma kienx jissodisfa r-rekwiżiti neċessarji ta' indipendenza.

Għall-ewwel, il-Kummissjoni m'aċċettatx l-argumenti tal-NGOs, filwaqt li enfasizzat li dawn ma taw l-ebda prova ta' kunflitt ta' interess konkret. Fil-fehma tal-Ombudsman, is-sempliċi possibbiltà li l-kap tal-Kumitat seta' ġie influwenzat minn interessi privati kienet inaċċettabbli. Il-Kummissjoni fl-aħħar segwiet il-parir tal-Ombudsman u ħatret president ġdid tal-Kumitat.

Matul is-sena, l-Uffiċċju tal-Ombudsman investiga lment dwar kunflitt ta' interess importanti ieħor relatat mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). Mario Draghi, il-President tal-BĊE, huwa wkoll membru tal-Grupp ta' Tletin. Il-Grupp huwa magħmul minn rappreżentanti ta' livell għoli tal-banek ċentrali, korpi finanzjarji pubbliċi internazzjonali, banek privati, u kumpaniji ta' investiment, kif ukoll politiċi u akkademiċi. Huwa jiddiskuti żviluppi ekonomiċi, finanzjarji, u politiċi internazzjonali importanti u jippubblika rapporti.

L-NGO *Corporate Europe Observatory* (CEO) ilmentat mal-Ombudsman li l-fatt li l-President kien membru tal-Grupp kien qed idgħajjef l-indipendenza, ir-reputazzjoni, u l-integrità tal-Bank. Is-CEO argumenta li l-Grupp huwa "mezz ta' *lobbying*" biex jippromwovi interessi finanzjarji privati, u stieden lill-BĊE biex jitlob lis-Sur Draghi jħalli l-Grupp.

Wara li ġew analizzati l-membri, il-finanzjament, u l-għanijiet tal-Grupp, l-Uffiċċju tal-Ombudsman sab li l-fatt li s-Sur Draghi kien membru kien kompatibbli mar-rwol tiegħu bħala President tal-BĊE. L-analiżi kkonkludiet ukoll li l-Grupp ma setax jitqies bħala *lobby* jew grupp ta' interess, iżda pjuttost bħala forum għall-iskambju ta' fehmiet. Madankollu, l-Uffiċċju tal-Ombudsman innota li, minħabba tweġibiet tal-BĊE lill-NGO li kienu inizjalment

inadegwati, din kellha tabilħaqq raġun li tqajjem tħassib dwar il-kwistjoni. L-Uffiċċju tal-Ombudsman għalaq il-każ billi ta parir lill-BĊE biex itejjeb il-livell ta' trasparenza billi jsemmi s-sħubija tal-President mal-Grupp fuq is-sit elettroniku tiegħu, u biex jieħu passi xierqa biex itejjeb il-kwalità tal-komunikazzjoni tiegħu mal-pubbliku.

Fl-2013, l-Uffiċċju tal-Ombudsman fetaħ ukoll investigazzjoni dwar kif il-Kummissjoni timplimenta r-regoli tagħha dwar kunflitti ta' interess f'każijiet ta' "*revolving doors*". Dan seħħ wara lment minn *Corporate Europe Observatory* (CEO), *Greenpeace*, *LobbyControl*, u *Spinwatch* li l-Kummissjoni kienet naqset milli tittratta kif suppost każijiet bħal dawn li jistgħu jkunu ta' natura sistemika.

Barra minn hekk, NGO Ġermaniża lmentat mal-Ombudsman li l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) ma indirizzatx b'mod adegwat kunflitt ta' interess potenzjali meta l-kap tal-unità tal-organiżmi ġenetikament modifikati (OĠM) tagħha beda jaħdem ma' kumpanija tal-bijoteknoloġija. L-Aġenzija hija responsabbli mill-valutazzjoni tar-riskju fl-UE fir-rigward tas-sigurtà alimentari. Ir-rwol tagħha huwa li tipprovdi pariri xjentifiċi indipendenti u informazzjoni dwar riskji eżistenti u emerġenti, b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali u partijiet interessati oħrajn.

Tabilħaqq, l-investigazzjoni tal-Ombudsman sabet li l-EFSA ma kinitx evalwat bir-reqqa l-allegat kunflitt ta' interess potenzjali, u l-Uffiċċju tal-Ombudsman stedinha biex issaħħaħ ir-regoli u l-proċeduri tagħha biex jiġi evitat tali kunflitt fil-futur. L-Aġenzija aċċettat ir-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman, iżda biss parzjalment: hija saħħet ir-regoli u l-proċeduri tagħha, iżda ħadet approċċ restrittiv wisq fir-rigward ta' dak li jista' jikkostitwixxi kunflitt ta' interess potenzjali.

Fil-qafas taż-żjarat lill-aġenziji tal-UE, l-Uffiċċju tal-Ombudsman wera l-pjaċir tiegħu bil-miżuri li l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) kienet ħadet biex ittejjeb il-kwalità tal-amministrazzjoni tagħha. Dawn iż-żjarat huma mfassla sabiex jiżguraw li l-aġenziji jirrispettaw il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba bħat-trasparenza u standards etiċi għoljin. L-ECHA adottat politika ġdida dwar il-kunflitt ta' interess u introduċiet miżuri sabiex tiżgura aktar trasparenza, biex tindirizza kunflitti ta' interess potenzjali, tiffaċilita l-aċċess għad-dokumenti, u tipprovdi informazzjoni lil offerenti u kuntratturi.

Barra minn hekk, l-Uffiċċju tal-Ombudsman ittratta għadd ta' lmenti li qajmu tħassib dwar il-kompożizzjoni ta' gruppi ta' partijiet interessati, gruppi ta' esperti, u gruppi ta' ħidma importanti oħrajn tal-UE, f'termini ta' trasparenza u bilanċ. Mill-każijiet riżultanti, l-aktar sinifikanti kien dak kontra l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA). Ir-rwol tal-Awtorità huwa li tiżgura regolamentazzjoni u superviżjoni effikaċi u konsistenti fis-settur bankarju Ewropew kollu. Qabel ma tadotta standards, linji gwida u rakkomandazzjonijiet, l-EBA hija meħtieġa li tikkonsulta l-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati (BSG) tagħha. Il-Grupp fih 30 rappreżentant tal-industrija bankarja u l-impjegati tagħha, Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs), konsumaturi, u utenti tas-servizzi bankarji, fost l-oħrajn.

L-investigazzjonijiet tal-Ombudsman tabilħaqq identifikaw żbilanċ fl-għażla tal-EBA ta' rappreżentanti tal-industrija, tal-konsumatur, tal-utent, u tal-impjegat. B'mod partikolari, l-Uffiċċju tal-Ombudsman ikkritika lill-EBA għax ma żguratx bilanċ ġeografiku fi ħdan kull kategorija, u taha parir sabiex, fil-futur, jiġi evitat ir-riskju li Stat Membru wieħed jista' jidher li jkun irrappreżentat aktar mill-oħrajn. L-Awtorità esprimiet ir-rieda li tirrevedi l-approċċ tagħha fid-dawl tal-kritika tal-Ombudsman.

## 6.3 Il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE



Minn meta t-Trattat ta' Lisbona daħal fis-seħħ u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE saret legalment vinkolanti, l-Ombudsman irċieva numru dejjem jikber ta' lmenti fil-qasam tad-drittijiet taċ-ċittadini, speċjalment id-dritt li jipparteċipaw fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE.

Fost l-eżempji ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini hemm il-konsultazzjonijiet pubbliċi tal-Kummissjoni, u l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI), fejn miljun ċittadin jistgħu jitlobu lill-Kummissjoni biex tniedi leġiżlazzjoni tal-UE. Barra minn hekk, it-Trattat ta' Lisbona jitlob li l-istituzzjonijiet iżommu "djalogu miftuħ u regolari mas-soċjetà ċivili".

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni twettaq regolarment seminars ta' djalogu. Madankollu, meta l-Federazzjoni Umanista Ewropea (EHF) talbet tali seminar mal-Kummissjoni, il-Kummissjoni rrifjutat. L-EHF, li tirrappreżenta 50 organizzazzjoni umanista minn aktar minn 20 pajjiż, riedet tiddiskuti l-eżenzjoni għall-knejjes li għaliha jipprovdu r-regoli Ewropej tal-impjieg. Il-Kummissjoni spjegat ir-rifjut tagħha billi invokat il-ħtieġa li tirrispetta l-istatus tal-knejjes u l-organizzazzjonijiet reliġjużi. Il-Federazzjoni lmentat mal-Uffiċċju tal-Ombudsman, li talab lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi regoli ċari dwar id-djalogu tagħha ma' organizzazzjonijiet reliġjużi u mhux reliġjużi.

Il-multilingwiżmu, li jiggarantixxi t-Trattat ta' Lisbona, hija kwistjoni oħra importanti meta niġu għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini. Ċittadin Irlandiż ilmenta mal-Ombudsman li l-Parlament Ewropew kien naqas sa mill-2007 – meta l-Irlandiż ingħata l-istatus ta' lingwa uffiċjali tal-UE – li jagħmel is-sit elettroniku tiegħu disponibbli bl-Irlandiż. Wara l-intervent tal-Ombudsman, il-Parlament mhux biss qabel li jagħmel disponibbli bl-Irlandiż sezzjonijiet tas-sit elettroniku tiegħu fejn il-pubbliku huwa mistieden jinteraġixxi mal-Parlament, iżda li jagħmel is-sit elettroniku kollu disponibbli bl-Irlandiż.

Kull sena, l-Uffiċċju tal-Ombudsman jorganizza avveniment prinċipali għaċ-ċittadini, sabiex politiċi ewlenin tal-UE jidħlu fi djalogu maċ-ċittadini. Dan l-avveniment interattiv huwa indirizzat lejn ċittadini, assoċjazzjonijiet, NGOs, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kumpaniji, ġurnalisti, rappreżentanzi reġjonali u nazzjonali, rappreżentanti ta' istituzzjonijiet oħrajn tal-UE, u persuni interessati oħrajn. L-avveniment tal-2013 sar fil-qafas tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013 u kien intitolat "*It's our Europe: Let's get active!*". Dan ġibed lejh aktar minn 400 parteċipant.

It-temi ċentrali tal-avveniment kienu t-tfittxija ta' soluzzjonijiet għall-kriżi ekonomika, u modi kif tinbena Ewropa nadifa u b'saħħitha. Ġew murija bosta inizjattivi ta' suċċess fil-livell l-aktar qrib taċ-ċittadini. L-Uffiċċju tal-Ombudsman organizza l-avveniment biex jiffoka fuq iċ-ċittadini Ewropej u kif dawn jistgħu jikkontribwixxu




L-avveniment "*It's our Europe: Let's get active!*" tal-Ombudsman Ewropew 2013. **http://europa.eu/!uU77Hj**

b'mod konkret biex isawru l-UE, jew bl-użu tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI), jew permezz ta' lment lill-Ombudsman Ewropew, jew permezz tal-mobilizzazzjoni ta' numru kbir ta' ċittadini biex iwettqu inizjattivi f'livell bażiku.

#7




**L-Ombudsman Ewropew**
Sir af dwar Right2Water, G1000org, Fraternité 2020, Let's do it! World, u proġetti oħra xprunati miċ-ċittadini fl-avveniment tal-Ombudsman Ewropew "Is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013 – 'L-Ewropa hija tagħna: Ejjew inkunu attivi!'" fit-23 ta' April 2013.

Storify #2




**L-Ewropa hija tagħna: Ejjew inkunu attivi!**
Avveniment taċ-ċittadini organizzat mill-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew fit-23 ta' April 2013, 09.30-12.30 Parlament Ewropew, Brussell, József Antall Building, sala 2Q2. Avvenimenti kollaterali paralleli f'numru ta' uffiċċji ta' informazzjoni tal-PE fl-Ewropa kollha.

L-Ombudsman kienet ukoll mistiedna titkellem fil-konferenza tal-għeluq tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013 f'Vilnius, il-Litwanja, l-avveniment prinċipali finali tal-Presidenza Litwana tal-UE. Id-diskors tal-Ombudsman iffoka fuq iċ-ċittadinanza tal-UE u l-kostruzzjoni tal-Unjoni. Hija enfasizzat li l-kriżi attwali mhix biss ta' natura ekonomika, iżda wkoll kriżi ta' identità u leġittimità. L-Ombudsman ħeġġet lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jinvolvu liċ-ċittadini aktar fil-fond fil-proċess ta' integrazzjoni tal-Unjoni, u biex jirreżistu t-tentazzjoni tal-arroganza u mġiba egoista. Ħeġġet ukoll liċ-ċittadini biex jeżerċitaw id-drittijiet taċ-ċittadinanza tagħhom, pereżempju billi jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, biex isemmgħu leħinhom, u biex jeżerċitaw influwenza reali fil-livell tal-UE.




EYCA 2013
U hawn huwa d-diskors tal-Ombudsman Ewropew: "Neħtieġu 'Ewropa umana'" fil-konferenza ta' għeluq tal-EYC 2013.

Barra li tkellmet dwar iċ-ċittadinanza tal-UE, l-Ombudsman iltaqgħet ukoll ma' NGOs, rappreżentanti tan-negozju, u ġurnalisti matul iż-żjara tagħha fil-Litwanja.

## 6.4 Proġetti u programmi ffinanzjati mill-UE



Kull sena, l-Uffiċċju tal-Ombudsman jirċievi numru kbir ta' lmenti minn kumpaniji, NGOs, universitajiet, muniċipalitajiet, u entitajiet ġuridiċi oħrajn involuti fi proġetti u programmi ffinanzjati mill-UE. Dawn l-ilmenti jirrigwardaw prinċipalment ħlas tard, tilwimiet kuntrattwali, problemi b'sejħiet għall-offerti, u nuqqas ta' trasparenza, l-aktar minħabba r-rifjut tal-istituzzjonijiet tal-UE li jagħtu aċċess għal dokumenti jew informazzjoni.

Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs) u entitajiet żgħar oħrajn jistgħu jsibu ruħhom f'diffikultajiet serji meta l-Kummissjoni ma tħallashomx fil-ħin. L-Uffiċċju tal-Ombudsman jikkonsulta regolarment man-negozji dwar din il-kwistjoni u dwar diffikultajiet burokratiċi oħrajn li jiffaċċjaw. Matul is-snin, dan l-Uffiċċju wettaq bosta investigazzjonijiet fuq inizjattiva proprja dwar il-ħlas tard, u talab lill-Kummissjoni biex tirrapporta dwar il-progress u biex tissottometti statistiċi tal-ħlas.

L-Uffiċċju tal-Ombudsman fetaħ investigazzjoni bħal din fl-2013. Din l-investigazzjoni kellha l-għan li teżamina l-prestazzjoni tal-Kummissjoni f'termini ta' ħlasijiet fil-ħin lil kuntratturi u benefiċjarji ta' għotjiet

u sussidji. L-Uffiċċju tal-Ombudsman talab lill-Kummissjoni għal aġġornamenti dwar is-sitwazzjoni u l-miżuri li kienet qed tieħu biex tirriżolvi l-problema. Ir-rapporti suċċessivi tal-Kummissjoni juru tnaqqis fin-numru u l-valur monetarju tal-ħlasijiet tardivi. Madankollu, jibqgħu l-problemi. Pereżempju, l-ammont globali ta' imgħax li jakkumula minħabba dewmien fil-ħlas żdied. L-Ombudsman se tkompli ssegwi l-kwistjoni.



Tilwima dwar ħlas ta' EUR 93 000 riżolta mill-Ombudsman Ewropew fl-2013. **http://europa.eu/!Wj88Uu**

F'każ ewlieni mill-2013, l-Uffiċċju tal-Ombudsman għen sabiex tissolva tilwima dwar ħlas ta' EUR 93 000 bejn NGO Franċiża u l-Kummissjoni b'konnessjoni ma' proġett ta' riċerka u teknoloġija ffinanzjat mill-UE fir-Russja. L-NGO *Earth Data Network for Education and Scientific Exchange* (EDNES) kienet il-koordinatur tal-proġett, u wettqet il-proġett b'suċċess. Madankollu, il-Kummissjoni fittxet li tirkupra EUR 93 000 mingħand l-NGO għaliex kienet issubappaltat ix-xogħol lil kumpanija Russa, ħaġa li skont il-kuntratt ma setgħetx issir.

L-EDNES ilmenta mal-Ombudsman. L-investigazzjoni ikkonkludiet li l-Kummissjoni stess irrikonoxxiet li l-NGO kienet aġixxiet *in bona fide*, temmet il-proġett b'suċċess, u infurmat lill-Kummissjoni fl-istadji kollha dwar l-istruttura organizzattiva tal-proġett u l-Kummissjoni qatt m'oġġezzjonat għaliha. L-Ombudsman qieset li t-talba għar-rimborż kienet sproporzjonata u inġusta, u theddida għall-eżistenza stess tal-NGO, immexxija minn voluntiera li ma rċevew ebda remunerazzjoni. Fl-aħħar, l-Ombudsman ikkonvinċiet lill-Kummissjoni biex tirrinunzja għall-irkupru.

## 6.5 Id-drittijiet fundamentali




Barra mid-dispożizzjoni fil-Karta dwar żieda fid-drittijiet taċ-ċittadini, li għaliha tirreferi l-Ombudsman waqt l-investigazzjonijiet, l-Ombudsman teżamina wkoll aspetti oħrajn tal-obbligi tal-amministrazzjoni tal-UE dwar id-drittijiet fundamentali.

Fl-2013, il-każ l-aktar notevoli fil-qasam tad-drittijiet fundamentali rriżulta mir-rifjut tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-UE (Frontex) li tistabbilixxi mekkaniżmu għall-ilmenti. Il-Frontex tikkoordina l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà tal-fruntieri esterni tal-UE u l-immigrazzjoni illegali. Il-Karta hija legalment vinkolanti fuq il-Frontex bħalma huwa regolament tal-UE,

li jistabbilixxi obbligi addizzjonali fil-qasam tad-drittijiet fundamentali għall-Aġenzija.

Fl-2013, l-Uffiċċju tal-Ombudsman għamel numru ta' mistoqsijiet lill-Frontex dwar kif twettaq dawn l-obbligi, u wettaq konsultazzjoni pubblika li ġabret kontribuzzjonijiet miċ-ċittadini, NGOs għad-drittijiet tal-bniedem, u organizzazzjonijiet oħrajn. L-Ombudsman sabet li, b'mod ġenerali, il-Frontex kienet qed tagħmel progress raġonevoli fil-kwistjonijiet tad-drittijiet fundamentali. Madankollu, tatha parir biex tistabbilixxi mekkaniżmu tal-ilmenti sabiex tkun tista' tittratta direttament l-ilmenti mill-migranti u persuni affettwati oħrajn. L-Aġenzija m'aċċettatx ir-rakkomandazzjoni, filwaqt li argumentat li inċidenti individwali huma esklużivament responsabbiltà tal-Istati Membri kkonċernati.

L-Ombudsman ma qablitx mal-argument tal-Frontex u ssottomettiet rapport speċjali lill-Parlament Ewropew, fejn talbet għall-appoġġ tiegħu biex jipperswadu lill-Frontex sabiex tirrevedi l-approċċ tagħha. Dan sar wara dak li ġabet magħha t-traġedja li seħħet barra mill-kosta tal-gżira Taljana ta' Lampedusa lejn l-aħħar tal-2013, fejn bosta mijiet ta' migranti tilfu ħajjithom.



Rapport speċjali tal-Frontex mill-Ombudsman Ewropew fl-2013.
**http://europa.eu/!Ur48vt**




Id-#drittijiet tal-bniedem tal-applikanti għall-ażil, huma responsabbiltà tal-UE jew tal-Istati Membri tagħha?

*"Fl-isfond tat-traġedja ta' **#Lampedusa** u katastrofi umanitarji reċenti oħrajn fil-konfini tal-UE, huwa essenzjali li l-Frontex jittratta b'mod dirett l-ilmenti mill-immigranti u minn persuni affettwati oħrajn. **Ma naċċettax il-fehma tal-Frontex li l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem huwa esklużivament ir-responsabbiltà tal-Istati Membri kkonċernati."***

Tista' taqra l-istqarrija għall-istampa u dokumenti oħrajn li jikkonċernaw il-każ hawnhekk: http://www.ombudsman.europa.eu/en/press/release.faces/en/52487/html.bookmark

Ir-ritratti huma mill-websajt tal-**#Frontex**.

F'każ ieħor marbut mad-drittijiet fundamentali, l-investigazzjoni tal-Ombudsman ikkonkludiet li l-Kummissjoni ma qabżitx is-setgħat tagħha billi ospitat wirja fotografika dwar koppji tal-istess sess. L-avveniment, intitolat "Familji differenti, l-istess imħabba", sar fil-bini tal-Kummissjoni taħt il-patroċinju tal-Viċi President tal-Kummissjoni Viviane Reding, il-Kummissarju responsabbli għall-kwistjonijiet kontra d-diskriminazzjoni. Il-wirja kien fiha talbiet għar-rikonoxximent legali ta' żwiġijiet bejn persuni tal-istess sess, kif ukoll għall-għoti ta' aċċess għall-inseminazzjoni artifiċjali assistita

medikament lil koppji leżbjani. Il-fergħa Ewropea tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Persuni Leżbjani, Gay, Bisesswali, Trans u Intersesswali (ILGA) organizzat il-wirja.

Ċittadin ilmenta mal-Ombudsman billi allega li l-Kummissjoni kienet qabżet is-setgħat tagħha meta ospitat il-wirja u qegħditha taħt il-patroċinju tagħha, minħabba li l-UE m'għandhiex kompetenza fl-oqsma taż-żwieġ, tal-familja, u tar-riproduzzjoni assistita. Il-persuna li għamlet l-ilment ħasset ukoll li l-Kummissjoni għamlet diskriminazzjoni kontra dawk iċ-ċittadini tal-UE li ma jaqblux mal-fehmiet promossi mill-wirja.

L-Uffiċċju tal-Ombudsman qabel mal-ispjegazzjoni tal-Kummissjoni li hija għandha l-obbligu legali li tiġġieled kontra d-diskriminazzjoni, anki dik ibbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali, u għalhekk kienet intitolata li tospita wirja li tfittex li tippromwovi n-nondiskriminazzjoni. Il-każ ingħalaq billi ngħata parir lill-Kummissjoni biex tuża dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabilità f'wirjiet futuri, sabiex tevita li tagħti l-impressjoni li tapprova l-messaġġi kollha murija fil-wirjiet li tospita.

F'każ ieħor sinifikanti, eksimpjegat tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) allega mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) li kien hemm irregolaritajiet fl-Aġenzija. L-OLAF fetaħ investigazzjoni, iżda mbagħad għalaq il-każ u rrifjuta li jagħti lill-infurmatur ir-raġunijiet għaliex għalaq tal-każ.

L-OLAF sostna li huwa ma kienx obbligat li jagħti raġunijiet u li kien meħtieġ li jipproteġi l-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet tiegħu u l-indipendenza tal-istituzzjoni tiegħu. L-Ombudsman m'aċċettatx l-argumenti tal-OLAF, u saħqet li l-istituzzjonijiet kollha tal-UE huma meħtieġa li jinfurmaw liċ-ċittadini dwar id-deċiżjonijiet tagħhom, u li dan ma jimplikax kxif ta' informazzjoni kunfidenzjali.

## 6.6 Kultura ta' servizz



Waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Ombudsman Ewropew hija li tippromwovi kultura ta' servizz fl-amministrazzjoni tal-UE. Fl-2013, l-Uffiċċju tal-Ombudsman ippubblika verżjoni ġdida tal-*Kodiċi Ewropew ta' Mġiba Amministrattiva Tajba*. L-Ombudsman iltaqgħet ukoll ma' uffiċjali ta' diversi istituzzjonijiet u aġenziji tal-UE fil-livelli kollha biex tissensibilizzahom għall-ħtieġa li jabbraċċjaw il-kultura ta' servizz lejn iċ-ċittadini.



Il-każ tal-futbol Spanjol tal-Ombudsman Ewropew 2013.
**http://europa.eu/!KV87Mk**

Id-dewmien eċċessiv huwa problema kostanti fi ħdan l-amministrazzjoni tal-UE. L-Ombudsman ittrattat każ li ngħata importanza kbira dwar in-nuqqas ta' azzjoni mill-Kummissjoni għal aktar minn erba' snin fir-rigward ta' lment dwar l-għajnuna mill-Istat li jikkonċerna erba' klabbs tal-futbol Spanjoli. Investituri fil-klabbs tal-futbol Ewropej kienu lmentaw mal-Kummissjoni li Spanja kienet qed tikser ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat bl-għoti ta' vantaġġi fiskali inġusti lill-erba' klabbs Spanjoli. Għaddew aktar minn erba' snin mingħajr deċiżjoni. Il-persuna li għamlet l-ilment allegat li n-nuqqas ta' azzjoni tal-Kummissjoni f'dan il-każ jista' jkun marbut mal-fatt li l-Kummissarju responsabbli jappoġġja wieħed mit-timijiet tal-futbol inkwistjoni u kien Ministru fil-gvern Spanjol li dak iż-żmien kien iddeċieda fuq il-vantaġġi fiskali.

Wara li l-Ombudsman talbet lill-Kummissjoni biex taġixxi fuq dan l-ilment, il-Kummissjoni fetħet investigazzjoni dwar il-finanzjament tal-klabbs tal-futbol inkwistjoni. L-Ombudsman faħħret dan il-pass, filwaqt li enfasizzat l-importanza li l-pubbliku Ewropew jara li l-Kummissjoni tindirizza malajr it-tħassib dwar allegat ksur ta' regoli dwar għajnuna mill-Istat, u b'hekk tneħħi kull suspett ta' kunflitt ta' interessi.

F'bosta każijiet, iċ-ċittadini lmentaw mal-Ombudsman meta istituzzjonijiet għamlu żbalji proċedurali, ma weġbux il-korrispondenza, jew taw informazzjoni ħażina liċ-ċittadini. Bis-saħħa tal-intervent tal-Ombudsman, l-istituzzjonijiet li saru l-ilmenti kontrihom solvew ħafna tilwim u tejbu l-proċeduri tagħhom.

Każ wieħed bħal dan ikkonċerna mara li pparteċipat f'kompetizzjoni għal interpreti indipendenti li organizzat il-Kummissjoni. Il-Kummissjoni stednitha biex tagħmel eżami. Madankollu, fil-jum tal-eżami, l-istituzzjoni qaltilha li hija ma setgħetx tagħmlu minħabba li ma kinitx tissodisfa wieħed mill-kriterji ta' eliġibbiltà tal-kompetizzjoni. Il-kandidata lmentat mal-Ombudsman li l-Kummissjoni ma infurmathiex fil-waqt dwar l-ineliġibbiltà tagħha. Il-Kummissjoni aċċettat il-parir tal-Ombudsman u ħallset lill-persuna li għamlet l-ilment EUR 300 bħala kumpens.

Każ ieħor ikkonċerna vjaġġatur li t-titjira tiegħu kellha dewmien ta' 23 siegħa u li kien dar lejn it-trasportatur tal-ajru, l-awtorità nazzjonali tal-infurzar, u l-Kummissjoni għall-għajnuna. Huwa mbagħad ilmenta mal-Ombudsman li l-formola ta' lment tal-UE rilevanti kienet ineżatta u talab li l-Kummissjoni tirrevedi l-proċedura tal-ilmenti jew l-informazzjoni fil-formola. Il-Kummissjoni laqgħet it-talba u rringrazzjat lill-Ombudsman talli ġibditilha l-attenzjoni għall-kwistjoni.

# 7 • Kif nittrattaw il-każijiet




Kif naħdmu fl-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew.
http://europa.eu/!PH33bW

Kemm it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) kif ukoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprovdu għad-dritt li wieħed jilmenta mal-Ombudsman Ewropew. It-TFUE jagħti s-setgħa lill-Ombudsman li tirċievi lmenti minn kull ċittadin tal-Unjoni, jew kull persuna naturali jew ġuridika residenti jew li għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru tal-Unjoni.

L-Ombudsman tiżgura li s-servizz ta' lmenti mingħajr ħlas huwa ġust, trasparenti, u sempliċi kemm jista' jkun. Min irid jista' jressaq l-ilment tiegħu lill-Ombudsman bi kwalunkwe mezz ta' korrispondenza bil-miktub, inkluż permezz ta' formola ta' lment sigura fuq is-sit elettroniku tal-Ombudsman. Peress li hija konxja tal-ansjetà li ħafna nies iħossu inizjalment fir-rigward tal-ilment tagħhom, l-Ombudsman tfittex li tipprovdi malajr l-ewwel tweġiba billi fi żmien erba' ġimgħat tinforma lill-persuni li jkunu għamlu lment dwar dak li se tagħmel bl-ilment tagħhom.

L-Ombudsman teżamina kull ilment fid-dawl tal-merti tiegħu. Dan jinkludi l-ilmenti li jkollha tirrifjuta għax jaqgħu barra mill-mandat tagħha. Meta jiġri dan, il-persuni li jkunu għamlu lment jirċievu tweġiba personalizzata, li f'ħafna każijiet tkun tinkludi parir dwar korpi oħrajn li jistgħu jkunu ta' għajnuna għalihom. L-Ombudsman tista' tiddeċiedi wkoll li tittrasferixxi l-ilmenti lil korpi oħrajn bħal dawn.

Ilmenti li jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman huma ttrattati l-ewwel nett mill-persunal legali speċjalizzat tagħha. Kull persuna li tagħmel ilment tiġi assenjata persuna speċifika li timmaniġġja l-każ bħala persuna ta' kuntatt.

Kull meta tikkonkludi li lment ġdid ma jissodisfax il-kriterji ta' ammissibbiltà, jew li m'hemmx biżżejjed raġunijiet biex tinfetaħ investigazzjoni fuq ilment ammissibbli, l-Ombudsman tispjega d-deċiżjoni tagħha u tipprovdi parir kull meta jkun possibbli u xieraq.

Meta l-Ombudsman tkun tal-fehma li għandha tinfetaħ investigazzjoni, hija teżamina l-ilment bir-reqqa, sabiex tiddetermina jekk il-kwistjoni tistax tiġi riżolta permezz ta' proċedura simplifikata.

Proċeduri simplifikati ġeneralment ikunu aktar mgħaġġla u inqas formali minn investigazzjonijiet sħaħ. Dawn jinkludu mistoqsijiet bit-telefon, u investigazzjonijiet ta' kjarifika li jippermettu lill- persuna li tkun għamlet l-ilment tikkummenta fuq il-fehma proviżorja tal-Ombudsman li jista' ma jkun hemm l-ebda raġunijiet validi għall-ftuħ ta' investigazzjoni aktar estensiva. Hija tista' wkoll tiddeċiedi li tiftaħ investigazzjoni ta' spezzjoni għal spezzjoni ta' malajr tal-fajls u konklużjoni simili fil-pront fuq il-mertu tal-każ.

Investigazzjonijiet sħaħ huma neċessarji pereżempju meta l-ilment mhuwiex urġenti, meta huwa kumpless, jew meta jeħtieġ b'mod ċar il-kontribut ta' servizzi speċjalizzati varji tal-istituzzjoni kkonċernata.

L-Ombudsman għandha bosta għażliet għad-dispożizzjoni tagħha, jekk issib li l-persuna li għamlet l-ilment għandha raġun. Hija tista' tipproponi soluzzjoni bonarja li tkun tissodisfa lil dik il-persuna, jew tagħmel abbozz ta' rakkomandazzjoni li fih titlob lill-istituzzjoni biex tikkoreġi l-amministrazzjoni ħażina.

Jekk ma jkunx possibbli li tinstab soluzzjoni, l-Ombudsman tista' tiddeċiedi li tagħmel rimarki kritiċi. Madankollu, jekk l-istituzzjoni kkonċernata tiddeċiedi fuq inizjattiva proprja li tirriżolvi l-kwistjoni qabel ma l-Ombudsman tagħmel is-sejbiet tagħha, normalment tqis li ma jkunx meħtieġ li tikkritika lill-istituzzjoni permezz ta' sejba formali ta' amministrazzjoni ħażina.

L-Ombudsman għandha wkoll is-setgħa li tiftaħ investigazzjonijiet fuq inizjattiva proprja. Permezz ta' din is-setgħa, l-Ombudsman tista' tinvestiga każ possibbli ta' amministrazzjoni ħażina li persuna li ma tkunx intitolata tagħmel ilment iġġib għall-attenzjoni tagħha. Barra minn hekk, l-Ombudsman tista' tuża din is-setgħa biex tittratta problemi li jidhru li huma sistemiċi fl-istituzzjonijiet tal-UE.

Kull sena, l-Ombudsman Ewropew tirċievi eluf ta' lmenti minn ċittadini, NGOs, negozji, u organizzazzjonijiet oħra. Il-persunal tal-Ombudsman jiżgura li kull ilment jiġi ttrattat malajr, b'mod diliġenti, u b'mod li joffri servizz tajjeb. Dan huwa dak li tipikament jiġri minn 100 ilment:

## Il-ħajja ta' 100 ilment lill-Ombudsman Ewropew

**100**
ilmenti rċevuti

**68**
barra mill-mandat

- 25 huma ttrasferiti lil ombudsmen nazzjonali jew reġjonali jew lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew
- 23 huma ttrasferiti lil oħrajn, inklużi:
  - Il-Kummissjoni Ewropea
  - SOLVIT
  - Pariri tal-Ewropa Tiegħek
  - Ċentri Ewropej għall-Konsumatur

**32**
jaqgħu taħt il-mandat

**17**
l-ebda investigazzjoni

- 9 huma meqjusa inammissibbli (eż., jekk qabel ma sar l-ilment ma kien hemm ebda kuntatt mal-istituzzjoni kkonċernata)
- 8 huma meqjusa ammissibbli iżda ma hemmx biżżejjed raġunijiet biex tinfetaħ investigazzjoni

**15**
investigazzjonijiet miftuħa

**15**
sejbiet

- 4 huma solvuti matul l-investigazzjoni
- 4 jwasslu għal sejba ta' ebda amministrazzjoni ħażina
- 1 jwassal għal sejba ta' ebda amministrazzjoni ħażina
- 6 m'għandhomx raġunijiet għal aktar investigazzjonijiet (eż., jekk tkun diġà ttieħdet azzjoni mill-istituzzjoni kkonċernata)

# 8 • Konformità mal-proposti tal-Ombudsman

Kull sena, l-Uffiċċju tal-Ombudsman jippubblika rendikont komprensiv ta' kif l-istituzzjonijiet tal-UE jirreaġġixxu għall-proposti tal-Ombudsman biex tittejjeb l-amministrazzjoni tal-UE. Dawn il-proposti jieħdu l-għamla ta' soluzzjonijiet bonarji, abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet, rimarki ulterjuri, rimarki kritiċi, u suġġerimenti.

## Konformità mal-proposti tal-Ombudsman Ewropew fl-2012




Ir-rapport għall-2012, intitolat *Lejn Soluzzjoni? — Kif l-istituzzjonijiet tal-UE wieġbu lill-Ombudsman fl-2012*, juri li b'mod ġenerali, l-istituzzjonijiet ikkonformaw mal-proposti tal-Ombudsman fi 80 % tal-każijiet, u uħud minnhom laħqu l-punteġġ ta' 100 %. Il-Kummissjoni, li tirrappreżenta l-ogħla proporzjon tal-investigazzjonijiet li jwettaq l-Uffiċċju tal-Ombudsman, kellha rata ta' konformità ta' 84 %.

g+ #2



**ANALIŻI: L-istituzzjonijiet tal-UE pprovdew 118-il tweġiba pożittiva għall-148 proposta li saru mill-Ombudsman f'każijiet magħluqa fl-2012.**

Ċerti istituzzjonijiet kellhom punteġġ ta' 100 %. B'mod partikolari, il-**Bank Ċentrali Ewropew**, l-**Aġenzija** Ewropea għall-Mediċini, u ċ-**Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard**, kollha kkooperaw mal-Ombudsman b'mod partikolarment kostruttiv fl-2012.

Għandu jsir ukoll aċċenn speċjali għall-**Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi, #OLAF**, għall-isforzi sinifikanti biex itejjeb il-proċeduri tiegħu għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

**#EU #Administration** (Amministrazzjoni tal-UE)

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) ikkooperaw mal-Ombudsman b'mod partikolarment kostruttiv. U l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għamel sforzi sinifikanti biex itejjeb il-proċeduri tiegħu għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Ir-rapport għall-2013 se jkun disponibbli fil-ħarifa tal-2014.

# 9 • Relazzjonijiet ma’ istituzzjonijiet tal-UE

L-Ombudsman Ewropew tiltaqa’ b’mod regolari ma’ membri u uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-UE sabiex flimkien jiddiskutu modi kif itejbu l-kwalità tal-amministrazzjoni, jenfasizzaw l-importanza tal-indirizzar tajjeb tal-ilmenti u jiżguraw segwitu xieraq għar-rakkomandazzjonijiet u r-rapporti tal-Ombudsman.

Il-laqgħat li seħħew sa mill-elezzjoni tagħha fl-2013 kienu opportunità għal Ms O’Reilly biex tħabbar il-viżjoni u l-prijoritajiet tagħha għall-futur. Waħda mill-prijoritajiet tal-Ombudsman hija li tixħet id-dawl fuq it-tħassib taċ-ċittadini u tgħin biex jonqos id-distakk li jisseparahom mill-istituzzjonijiet. Hija spjegat li kienet se tagħmel dan billi tkabbar il-viżibbiltà tax-xogħol tal-uffiċċju tagħha u tirrevedi l-istrutturi interni u l-proċessi tat-trattament tal-ilmenti, bil-ħsieb li tikseb gwadanni fl-effiċjenza għall-benefiċċju tal-pubbliku. L-Ombudsman sfidat ukoll lill-istituzzjonijiet biex jaderixxu mal-ogħla standards f’dak li għandu x’jaqsam mal-effiċjenza, it-trasparenza, l-imġiba etika, u r-responsabbiltà, jekk iridu jiksbu l-fiduċja taċ-ċittadini. Hija wiegħdet li tikkoopera mill-qrib mal-istituzzjonijiet.

## 9.1 Il-Parlament Ewropew



Emily O’Reilly iltaqgħet ma’ Martin Schulz f’Ottubru 2013.

Wara li assumiet il-kariga, Emily O’Reilly iltaqgħet ma’ Martin Schulz, il-President tal-Parlament Ewropew u Klaus Welle, is-Segretarju Ġenerali. Barra minn hekk, l-Ombudsman ippreżentat rapport speċjali lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar ir-rifjut tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta’ Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-UE (Frontex) li tistabbilixxi mekkaniżmu tal-ilmenti. Wara li ħabbret “l-intenzjoni li tikkoopera mal-Parlament Ewropew, mal-Kummissjoni u mal-istituzzjonijiet l-oħrajn tal-UE fl-interess taċ-ċittadini u d-drittijiet tagħhom”, l-Ombudsman iltaqgħet ukoll ma’ bosta Membri tal-Parlament Ewropew (MEPs) individwalment, u ma’ membri tal-persunal tal-Parlament.

#9




**Martin Schulz, President tal-Parlament Ewropew**
Ninsab ħerqan biex niltaqa’ mal-Ombudsman Ewropew, Emily O’Reilly, fi Strasburgu.

## 9.2 Il-Kummissjoni Ewropea



Emily O'Reilly iltaqgħet ma' José Manuel Barroso f'Ottubru 2013.

Peress li l-Kummissjoni Ewropea tirrappreżenta l-ogħla proporzjon tal-investigazzjonijiet li l-Ombudsman twettaq kull sena, is-servizzi tal-Ombudsman jagħmlu sforzi konsiderevoli biex sistematikament iżommu kuntatt mal-membri u l-uffiċjali tal-Kummissjoni.

Wara li assumiet il-kariga, Emily O'Reilly iltaqgħet ma' José Manuel Barroso, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, Maroš Šefčovič, Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Amministrazzjoni, Catherine Day, is-Segretarju Ġenerali, Giovanni Kessler, id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, Rytis Martikonis, id-Direttur Ġenerali għat-Traduzzjoni, u Jonathan Faull, id-Direttur Ġenerali għas-Suq Intern u s-Servizzi.

#10




**Ombudsman Ewropew**
Għada, Emily O'Reilly tiltaqa' ma' @MarosSefcovic, il-Viċi President ta' @EU_Commission, fi Brussell bit.ly/17QYjtm

**Maroš Šefčovic, Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, Kummissarju Responsabbli mir-Relazzjonijiet Inter-istituzzjonali u l-Amministrazzjoni**
Ninsab tassew ħerqan għal-laqgħa u l-kooperazzjoni futura tagħna.

## 9.3 Aġenziji tal-UE

F'dawn l-aħħar 15-il sena nħalqu numru kbir ta' aġenziji tal-UE li jinsabu madwar l-Ewropa. Fuq il-bażi tal-kompetenza tal-Ombudsman Ewropew li tmexxi investigazzjonijiet fuq inizjattiva proprja, l-Uffiċċju tal-Ombudsman stabbilixxa programm ta' żjarat lill-aġenziji. Il-programm jippermetti lill-Ombudsman tikkomunika mal-aġenziji varji, sabiex tiġbed l-attenzjoni tagħhom lejn l-importanza ta' amministrazzjoni tajba, trattament tajjeb tal-ilmenti, u kultura ta' servizz. Din hija wkoll opportunità biex tidentifika u xxerred l-aħjar prattika fost l-aġenziji.

Waqt li kienet f'Vilnius biex titkellem fl-avveniment tal-għeluq tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013, l-Ombudsman ħadet l-opportunità biex tiddiskuti ma' Virginija Langbakk, Direttur tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), u membri oħrajn tal-persunal.

Għal aktar informazzjoni dwar il-programm ta' żjarat, ara l-artiklu intitolat *Żjarat tal-Ombudsman Ewropew lill-aġenziji tal-UE – l-identifikazzjoni u t-tixrid tal-aħjar prattiki* fl-edizzjoni ta' Novembru 2013 tal-bulettin tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen.

## 9.4 Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD)

Lil hinn mir-relazzjonijiet mal-Unjoni, l-Uffiċċju tal-Ombudsman jikkopera wkoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn bħan-Nazzjonijiet Uniti, partikolarment fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. Pereżempju, bħala parti mill-qafas tal-UE taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (UNCRPD), l-Ombudsman għandha r-rwol li tipproteġi, tippromwovi u tissorvelja l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni fil-livell tal-istituzzjonijiet tal-UE. L-Ombudsman taqsamm dan ir-rwol mal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), u l-Forum Ewropew għad-Diżabilità (EDF). Flimkien, dawn jiffurmaw il-Qafas CRPD tal-UE. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ għall-UE f'Jannar 2011.

Matul l-2013, l-Ombudsman l-ewwel ikkonsultat lill-membri l-oħrajn tal-Qafas tal-UE bil-ħsieb li jiżviluppaw programm ta' ħidma multiannwali għall-irwol speċifiku tal-Ombudsman. Hija kkonsultat ukoll lin-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen, il-Grupp Ewropew tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem (NHRIs), u n-Netwerk Ewropew tal-Korpi tal-Ugwaljanza (Equinet). Fost kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Ombudsman hemm ir-rekwiżit li l-istituzzjonijiet tal-UE jiżguraw li: is-servizzi tagħhom ikunu aċċessibbli għal persuni b'diżabbiltà; persuni b'diżabbiltà jkollhom aċċess għal informazzjoni minn, u mezzi ta' komunikazzjoni ma', l-istituzzjonijiet; l-ambjent tax-xogħol tal-istituzzjonijiet tal-UE jkun miftuħ, inklużiv, u aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà; u li l-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv u sħiħ fil-ħajja politika u pubblika.

Fl-2013, l-Ombudsman fetħet investigazzjoni dwar ir-revoka ta' deroga tal-Parlament li teskludi wieħed mill-membri tal-persunal tiegħu mill-eżerċizzju annwali tal-mobilità tal-persunal minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali tal-familja tagħha. L-Ombudsman fetħet investigazzjoni oħra dwar allegazzjonijiet li l-għodda tal-*Europass* CV — operata miċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) — mhijiex aċċessibbli għal persuni neqsin mid-dawl. F'dawn il-każijiet, li t-tnejn li huma għadhom għaddejjin, l-Ombudsman ġibdet l-attenzjoni tal-istituzzjonijiet ikkonċernati għas-CRPD.

B'segwitu għall-istedina tal-Ombudsman għal espressjonijiet ta' interess minn uffiċjali tal-Istati Membri tal-UE, ippubblikata fl-2013, espert nazzjonali sekondat fi kwistjonijiet ta' diżabilità ngħaqad mat-tim tal-Ombudsman fil-bidu tal-2014. L-espert se jassisti lill-Ombudsman tiddefinixxi l-programm tagħha ta' ħidma għad-diżabilità, u wkoll sabiex isibu modi kif jikkomunikaw aħjar maċ-ċittadini u l-persunal tal-UE, sabiex jinfurmawhom dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont is-CRPD.

Mill-2013, il-pubblikazzjonijiet kollha tal-Ombudsman huma disponibbli fuq talba b'tipa kbira jew f'verżjonijiet awdjo. Matul is-sena, l-Uffiċċju tal-Ombudsman wettaq xogħol biex jiżviluppa reġistru pubbliku ta' dokumenti, u waħda mir-raġunijiet ewlenin għal dan hija biex jiġi żgurat li persuni neqsin mid-dawl ikunu jistgħu jaċċedu għad-dokumenti.

# 10 • Relazzjonijiet ma' netwerks

**Ilmenti ttrasferiti lil istituzzjonijiet u korpi oħrajn; Pariri mill-Ombudsman Ewropew sabiex il-persuni li għamlu lment jikkuntattjaw lil istituzzjonijiet u korpi oħrajn fl-2013**




*Nota:* Billi f'ċerti każijiet l-Ombudsman ta aktar minn parir wieħed lill-persuna li għamlet l-ilment, jekk dawn il-persentaġġi jingħaddu flimkien, ir-riżultat ikun aktar minn 100 %.

L-Ombudsman Ewropew tikkoopera mill-qrib ma' netwerks varji biex jiżguraw li l-ilmenti taċ-ċittadini dwar il-liġi tal-UE huma ttrattati malajr u b'mod effettiv.

Ħafna persuni jikkuntattjaw lill-Ombudsman meta jkollhom problemi ma' amministrazzjoni nazzjonali, reġjonali, jew lokali. Dawn l-ilmenti jaqgħu barra mill-mandat tal-Ombudsman, u spiss jikkonċernaw allegat ksur tal-liġi tal-UE minn Stati Membri. Ombudsmen nazzjonali jew reġjonali fi ħdan in-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen huma fl-aħjar pożizzjoni biex jittrattaw ħafna każijiet bħal dawn. Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew huwa wkoll membru sħiħ tan-Netwerk. Wieħed mill-għanijiet tan-Netwerk huwa li jiffaċilita t-trasferiment rapidu tal-ilmenti lill-membru kompetenti tan-Netwerk, kemm jekk ikun ombudsman nazzjonali jew reġjonali, korp simili, jew il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

Ressaq ilment

Talba għall-informazzjoni

Il-Gwida Interattiva tal-Ombudsman Ewropew tgħin lil 20 000 ċittadin fis-sena jsibu l-korp it-tajjeb li jistgħu jikkuntattjaw biex jissolvew il-problemi tagħhom.

In-Netwerk issa jinkludi 94 uffiċċju f'35 pajjiż Ewropew. Dan jinkludi l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali u korpi simili tal-Istati Membri tal-UE, il-pajjiżi kandidati għas-sħubija fl-UE, u pajjiżi oħrajn fiż-Żona Ekonomika Ewropea u/jew iż-żona ta' Schengen, kif ukoll l-Ombudsman Ewropew u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

In-Netwerk iservi bħala mekkaniżmu utli għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-liġi tal-UE u l-aħjar prattika permezz ta' seminars, bulettin biannwali, u Extranet għad-diskussjoni elettronika u l-iskambju tad-dokumenti.

Fost il-kwistjonijiet diskussi fl-2013 kien hemm: ir-rwol tal-Ombudsman Ewropew skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (UNCRPD), l-investigazzjonijiet li l-ombudsmen iwettqu fuq inizjattiva proprja, l-integrazzjoni tal-midja soċjali fl-istrateġiji tal-komunikazzjoni tal-uffiċċji tal-ombudsman, l-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tal-mekkaniżmi nazzjonali ta' prevenzjoni, u l-innovazzjoni fi ħdan l-uffiċċji tal-ombudsman.

Fl-2013, l-Ombudsman Ewropew u l-Ombudsman tal-Irlanda organizzaw b’mod konġunt id-Disa’ Seminar Nazzjonali tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. Is-Seminar sar f’Dublin, mill-15 sas-17 ta’ Settembru, u ġew diskussi numru ta’ suġġetti, inkluża l-innovazzjoni fl-uffiċċji tal-ombudsman, ir-riforma mill-awsterità, u l-għoti ta’ importanza liċ-ċittadin.

#3



**X’għandna nagħmlu meta nkunu nieqsa mir-riżorsi u n-nies jipprotestaw u jilmentaw magħna — l-Ombudsmen?**

Huwa biżżejjed li sempliċement nagħtu ħarsa lejn l-amministrazzjoni tal-iskemi li jifdal li jappoġġjaw l-individwi u l-familji, u ninjoraw l-għażliet ta’ politika li kkawżaw l-abbandun tal-iskemi l-oħrajn jew it-tnaqqis fid-daqs u n-numru tagħhom, jew għandna d-dmir li nidħlu aħna stess fid-dibattitu dwar dawk l-għażliet ta’ politika anki jekk biss awtomatikament, permezz tal-mod li bih nagħżlu l-investigazzjonijiet tagħna u kif aħna sussegwentement nimmedjawhom?

Aqra d-diskors ta’ **Emily O’Reilly**, mogħti llum fid-disa’ seminar nazzjonali tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen: http://bit.ly/1bok4n8

F’xi każijiet, l-Ombudsman tista’ tqis li huwa xieraq li tittrasferixxi lment lill-Kummissjoni Ewropea, lil SOLVIT, jew lil Pariri tal-Ewropa Tiegħek. SOLVIT huwa netwerk imwaqqaf mill-Kummissjoni biex jgħin lin-nies li jħabbtu wiċċhom mal-ostakoli meta jkunu qegħdin jippruvaw jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fis-suq intern tal-Unjoni. Pariri tal-Ewropa Tiegħek huwa netwerk ieħor mifrux madwar l-UE li waqqfet il-Kummissjoni sabiex jagħti parir liċ-ċittadini dwar ħajjithom, xogħolhom u l-ivvjaġġar tagħhom fl-UE. Qabel ma jittrasferixxu lment jew jagħtu xi parir lill-persuna li tkun għamlitu, is-servizzi tal-Ombudsman jagħmlu kull sforz sabiex jiddeterminaw liema uffiċċju ieħor jista’ jgħinha bl-aħjar mod.




Problemi mal-UE? Min jista’ jgħinek?

Il-pubblikazzjoni tal-Ombudsman *Problemi mal-UE? Min jista’ jgħinek?* fiha aktar informazzjoni dwar mezzi alternattivi biex jinstab rimedju.

# 11 • Riżorsi

## 11.1 Il-baġit

Il-baġit tal-Ombudsman huwa taqsima indipendenti tal-baġit tal-UE. Huwa maqsum fi tliet titoli. It-Titolu 1 jinkludi salarji, benefiċċji, u nfiq ieħor relatat mal-persunal. It-Titolu 2 ikopri bini, għamara, tagħmir u nfiq operattiv mixxellanju. It-Titolu 3 jinkludi l-infiq li jirriżulta mill-funzjonijiet ġenerali mwettqa mill-istituzzjoni. Fl-2013, l-approprjazzjonijiet ibbaġitjati kienu jammontaw għal EUR 9 731 371.

Bil-għan li jiżgura l-ġestjoni effettiva tar-riżorsi, l-awditur intern tal-Ombudsman, Robert Galvin, iwettaq verifiki regolari tas-sistemi ta' kontroll intern tal-istituzzjoni u tal-operazzjonijiet finanzjarji mwettqa mill-uffiċċju. Kif jiġri fir-rigward ta' istituzzjonijiet oħrajn tal-UE, l-istituzzjoni tal-ombudsman tiġi vverifikata wkoll mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

## 11.2 Użu tar-riżorsi

Kull sena, l-Uffiċċju tal-Ombudsman jadotta Pjan ta' Ġestjoni Annwali (AMP), li jidentifika azzjonijiet konkreti li l-uffiċċju jeħtieġ li jieħu sabiex jimplimenta l-prijoritajiet tal-istituzzjoni. Għall-2013 l-AMP kien it-tielet wieħed ibbażat fuq l-Istrateġija tal-Ombudsman għall-mandat 2009-2014. L-għanijiet għall-2013 – l-istess bħal tas-snin l-oħrajn koperti mill-istrateġija – kienu li nisimgħu, inwettqu, nipperswadu, nikkomunikaw u nadattaw. L-AMP jinkludi indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin (KPIs) għall-kejl tal-progress fil-kisba ta' dawn l-għanijiet. Il-KPIs u l-miri rilevanti huma eżminati u, jekk meħtieġ, riveduti fuq bażi annwali.

L-Uffiċċju tal-Ombudsman jadotta wkoll Rapport Annwali tal-Attività (AAR). L-AAR jirrapporta dwar ir-riżultati tal-operazzjonijiet fir-rigward tal-għanijiet stabbiliti fl-AMP, ir-riskji assoċjati mal-operazzjonijiet, l-użu li sar mir-riżorsi għad-dispożizzjoni tal-Ombudsman, u l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistema ta' kontroll intern tal-istituzzjoni.



Iltaqa' mat-tim tal-Ombudsman Ewropew. **http://europa.eu/!DT77mT**

## 11.3 It-tim wara l-Ombudsman

Il-membri tal-persunal tal-istituzzjoni jitkellmu ħafna lingwi u huma kkwalifikati. Dan jiżgura li l-istituzzjoni tkun tista' tindirizza lmenti dwar amministrazzjoni ħażina fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE u tkun tista' tgħarraf liċ-ċittadini dwar il-ħidma tal-Ombudsman. Fl-2013, it-tabella tal-persunal tal-Ombudsman Ewropew kien fiha 67 kariga.

Lista sħiħa u aġġornata regolarment tal-persunal, inkluża informazzjoni dettaljata dwar l-istruttura tal-Uffiċċju tal-Ombudsman u l-kompiti ta' kull taqsima, hija disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Ombudsman (www.ombudsman.europa.eu) fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE.



It-tim tal-Ombudsman Ewropew.

# Kif tikkuntattja lill-Ombudsman Ewropew

## Bil-posta

Ombudsman Ewropew
1 avenue du Président Robert Schuman
CS 30403
F - 67001 Strasbourg Cedex

## Bit-telefon

+33 (0)3 88 17 23 13

## Bil-faks

+33 (0)3 88 17 90 62

## B'ittra elettronika

eo@ombudsman.europa.eu

## Elettronikament

**Sit elettroniku:** www.ombudsman.europa.eu

**Twitter:** twitter.com/EUombudsman

**Google+:** plus.google.com/101520878267293271723

**LinkedIn:** www.linkedin.com/company/272026

**YouTube:** www.youtube.com/eotubes

## Żur

Jekk tixtieq iżżur l-uffiċċji tal-Ombudsman Ewropew fi Brussell jew fi Strasburgu, jekk jogħġbok ikkuntattjana bil-quddiem.

Dan ir-*Rapport Annwali* huwa ppubblikat fuq l-Internet fi:

**www.ombudsman.europa.eu**

© Unjoni Ewropea, 2014
Ir-ritratti, vidjos, u stampi huma kollha © Unjoni Ewropea, sakemm mhuwiex indikat mod ieħor.
Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija awtorizzata diment li s-sors ikun rikonoxxut.

Disinn u tfassil minn Rosendahls A/S, Albertslund, Danimarka, u EntenEller A/S, Valby, Danimarka.
Issettjata fi FrutigerNext u Palatino.
*Printed in Belgium*
Print ISBN 978-92-9212-587-5 . ISSN 1725-9762 . doi:10.2869/39057 . QK-AA-14-001-MT-C
EPUB ISBN 978-92-9212-611-7 . ISSN 1830-6926 . doi:10.2869/44780 . QK-AA-14-001-MT-E
PDF ISBN 978-92-9212-563-9 . ISSN 1830-6926 . doi:10.2869/34093 . QK-AA-14-001-MT-N

MIX
Paper from responsible sources
FSC® C021611
www.fsc.org

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ort Annwali • Rapport Annwali • Rapport Annwali • Rapport Annwali • Rapport Annwali

Jekk tixtieq verżjoni b'tipa kbira ta' din il-pubblikazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew. Nagħmlu li nistgħu biex nipprovdu verżjoni awdjo jekk ikollna talba għaliha.